# INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT ("CAUSA MORTIS") TA' STOCKS TAL-GVERN TA' MALTA U BONDS TAT-TFADDIL TAL-GVERN TA' MALTA

## INTRODUZZJONI

It-trasferiment ("Causa Mortis"), f'termini sempliċi, huwa mezz li permezz tiegħu l-werriet huwa intitolat, mal-preżentazzjoni tal-provi, li jakkwista beni mobbli u/jew immobbli mal-mewt ta' persuna.

## GWIDA PASS PASS

Dawn il-linji gwida huma maħsuba sabiex jistabbilixxu l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-eredi ta' detentur deċedut ta' stocks/bonds għat-trasferiment ("Causa Mortis") ta' Stocks tal-Gvern ta' Malta (MGS) u ta' Malta Government Retail Savings bonds (MGRSB).

## 1. Kif għandha ssir talba

Id-Direttorat għall-amministrazzjoni tad-dejn fi ħdan id-Dipartiment tat-Teżor jipproċessa talbiet "Causa Mortis" ta' detenturi ta' MGS u MGRSB li ġew nieqsa. **Dan l-Uffiċċju jirrikonoxxi u jaċċetta biss talbiet mibgħuta minn nutar pubbliku jew avukat, li għandu jinħatar mill-werrieta sabiex jipproċessa t-talba f'isimhom**. Konferma tintbagħat lin-nutar pubbliku/avukat mal-wasla tat-talba.

## 2. Konferma ta' Holdings tal-mejjet

Wara li jirċievi talba "Causa Mortis" mingħand in-nutar pubbliku/avukat tal-werrieta, id-Dipartiment tat-Teżor jikseb mingħand il-Borża ta' Malta (MSE) konferma ta':

(a) Stocks tal-Gvern ta' Malta (MGS):

- Stocks irreġistrati biss f'isem il-mejjet u/jew miżmuma b'mod konġunt ma' persuni oħra;
- Stocks miżmuma f'isem persuni oħra iżda li minnhom il-mejjet kien igawdi d-dritt ta' użufrutt.

Sal-finalizzazzjoni tat-trasferiment tat-titoli, il-kontijiet tal-Borża ta' Malta (MSE) fir-rigward tal-investimenti msemmija hawn fuq jiġu mblukkati mid-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli (CSD) u ma jkun permess l-ebda negozju fl-MGSs.

(b) Bonds tat-Tfaddil tal-Gvern ta' Malta (Malta Government Retail Savings Bonds)

- Bonds reġistrati biss f'isem il-mejjet.

# INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT ("CAUSA MORTIS") TA' STOCKS TAL-GVERN TA' MALTA U BONDS TAT-TFADDIL TAL-GVERN TA' MALTA

## 3. Liema dokumenti huma meħtieġa?

It-talba "Causa Mortis" ippreżentata minn nutar pubbliku jew avukat trid tkun akkumpanjata mid-dokumenti li ġejjin, ittimbrati kif xieraq u ċċertifikati bil-linka min-nutar pubbliku/avukat għall-awtentikazzjoni tagħhom:

- dettalji sħaħ tal-mejjet inkluż l-isem sħiħ, il-kunjom, in-numru tal-karta tal-Identita', l-istat ċivili u l-indirizz permanenti qabel il-mewt;
- dikjarazzjoni minn persuna kwalifikata (jiġifieri Ministru tar-reliġjon, jew nutar pubbliku jew avukat) li tiċċertifika li hija kienet taf il-membri tal-familja tal-mejjet. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi lista bl-ismijiet sħaħ, in-numri tal-karti tal-identifikazzjoni u l-indirizzi tas-superstiti/werrieta, l-użufruttwarji u l-legatarji;
- iċ-Ċertifikat ta' Riċerka testamentarja tar-Reġistru Pubbliku u ċ-Ċertifikat ta' Riċerka testamentarja tal-Qorti maħruġ mir-Reġistru Pubbliku u s-Sekond Awla tal-Qorti Ċivili rispettivament, li jikkonfermaw (jew xort' oħra) l-eżistenza ta' testmenti magħmula mill-mejjet;
- kopja tat-testment/testmenti rilevanti (jekk ikun hemm);
- kopja legali tad-Digriet tal-Qorti li jikkonferma l-ftuħ tas-suċċessjoni mis-Sekond Awla tal-Qorti Ċivili, fil-każ li l-mejjet miet intestat u l-valur tal-bonds jeċċedi €17,000;
- dikjarazzjoni ċara min-nutar pubbliku/avukat li tikkonferma:

  (i) il-persuna/i u l-ammonti rispettivi li lilhom se jiġu devoluti l-MGSs;

  u,

  (ii) jekk l-MGSs hux se jiġu trasferiti/reġistrati f'isem il-werrieta jew mibjugħa.

## 4. Diviżibbilta' tal-MGS

L-iStocks tal-Gvern ta' Malta huma diviżibbli f'multipli ta' €100.

## 5. Meta huwa meħtieġ ftehim privat?

Il-werrieta huma meħtieġa jidħlu fi ftehim privat quddiem nutar pubbliku jew avukat meta l-ishma tal-MGS ma jkunux jistgħu jinqasmu eżattament skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar testment tal-mejjet, minħabba l-limitazzjoni ta' diviżibbilta' msemmija f'punt numru 4 hawn fuq.

# INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT ("CAUSA MORTIS") TA' STOCKS TAL-GVERN TA' MALTA U BONDS TAT-TFADDIL TAL-GVERN TA' MALTA

Tali ftehim privat, debitament iffirmat mill-eredi kollha u n-nutar pubbliku jew avukat, għandu jiġi sottomess lid-Dipartiment tat-Teżor, flimkien mad-dokumentazzjoni l-oħra "Causa Mortis".

## 6. Bejgħ tal-MGS li ntiret

Jekk il-werrieta jixtiequ jillikwidaw (ibiegħu) l-MGS, persuna maħtura mill-werrieta tingħata prokura jew mandat permezz ta' Ftehim privat biex tittratta ma' intermedjarji finanzjarji awtorizzati sabiex ibiegħu l-MGS trasferiti f'isimhom. Prokura mogħtija lil residenti Maltin għandha tiġi attestata minn nutar pubbliku jew avukat. Prokura mogħtija minn eredi mhux residenti u mfassla barra minn Malta għandha tiġi sottomessa skont ir-rekwiżiti msemmija f'paragrafu 10 (d) hawn taħt.

Bis-saħħa ta' tali prokura jew Ftehim privat għal dan il-għan, id-Dipartiment tat-Teżor joħroġ permess li jawtorizza lill-MSE tiżblokka l-kontijiet rilevanti tal-MSE, u tippermetti l-bejgħ tal-MGSs mill-persuna maħtura. Kopja ta' dan il-permess tiġi mibgħuta lin-nutar pubbliku/avukat tal-werrieta.

Il-bejgħ ta' MGS għandu jsir mill-persuna maħtura, permezz ta' intermedjarju finanzjarju awtorizzat, wara li tiġi ppreżentata l-prokura jew il-Ftehim privat u l-permess maħruġ mid-Dipartiment tat-Teżor. Ir-rikavat kollu mill-bejgħ tal-MGS jasal għand il-persuna maħtura.

L-MGSs huma nnegozjati fil-Borża ta' Malta f'unitajiet ta' 100.

## 7. Iż-żamma tal-MGS li ntiret

Skont it-talba "Causa Mortis" ippreżentata min-nutar pubbliku jew avukat, il-werrieta jistgħu jagħżlu li jżommu l-MGS li ntirtet u jittrasferuhom f'isimhom skont l-istruzzjonijiet mogħtija lin-nutar pubbliku/avukat. F'dan il-każ:

(a) għandu jitħallas dritt ta' €6.50 fuq kull trasferiment f'kull titolu;

(b) tintbagħat formola lin-nutar pubbliku/avukat li tinkludi:

(i) l-għażla tat-taxxa mill-werrieta, li tikkonferma l-preferenza tagħhom dwar il-pagamenti futuri tal-imgħax tagħhom (jew nett mit-taxxa minn ras il-għajn finali (FWT) ta' 15%, jew gross mill-FWT); u,

(ii) struzzjonijiet ta' kreditu dirett, li jikkonfermaw isem il-bank u n-numru tal-kont bankarju konformi mas-SEPA (IBAN), li fih il-pagamenti futuri ta' l-imgħax għandhom jiġu kkreditati (iddepożitati);

(ċ) fil-każ li l-iStocks tal-Gvern ta' Malta jiġu assenjati lil entita' ġuridika, għandu jiġi sottomess l-Identifikatur tal-entita' ġuridika (LEI).

Mal-wasla tal-ħlas tat-tariffi tat-trasferiment, il-Formola tal-Elezzjoni tat-taxxa u tat-trasferiment dirett tal-kreditu SEPA, ir-rilaxx jiġi pproċessat lis-CSD sabiex it-trasferiment tal-iStocks ikun jista' jsir mill-Borża ta' Malta. Meta jsir dan it-trasferiment, l-MSE toħroġ avviż ta' reġistrazzjoni lid-detenturi l-ġodda, li jikkonferma li l-MGS li ntirtu issa ġew irreġistrati f'isem il-werrieta.

## 8. Likwidazzjoni ta' 62+ Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta

Is-62+ Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta, maħruġa skond ir-Regolamenti dwar Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta, huma titoli mhux trasferibbli. F'dan ir-rigward, 62+ MGRSBs irreġistrati f'isem persuna mejta jitħallsu lura lill-werrieta mal-finalizzazzjoni tat-talba "Causa Mortis".

## 9. X'jiġri mill-ħlasijiet ta' interessi u/jew ħlasijiet lura ta' kapital (jekk ikun hemm) li jkunu nħarġu bejn id-data tal-mewt tad-detentur tal-iStock u l-finalizzazzjoni tat-talba "Causa Mortis"?

Man-notifika ta' mewt ta' detentur ta' MGS, l-MSE timblokka l-kontijiet tal-MSE tal-mejjet.

Kull imgħax jew ħlas lura ta' kapital li jirriżulta minn dawn il-kontijiet jinżamm fid-Dipartiment tat-Teżor sal-finalizzazzjoni tat-trasferiment ta' parteċipazzjonijiet mill-mejjet għall-werrieta permezz tat-talba "Causa Mortis".

Ladarba t-talba "Causa Mortis" tkun ġiet iffinalizzata, kwalunkwe ammonti li qabel kienu miżmuma fid-Dipartiment tat-Teżor sakemm tiġi ffinalizzata t-talba "Causa Mortis", jitħallsu lill-werrieta skont l-istruzzjonijiet mogħtija min-nutar pubbliku jew avukat.

Ma jitħallas l-ebda imgħax addizzjonali fuq dawn l-ammonti miżmuma mid-Dipartiment tat-Teżor.

# INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT ("CAUSA MORTIS") TA' STOCKS TAL-GVERN TA' MALTA U BONDS TAT-TFADDIL TAL-GVERN TA' MALTA

## 10. Werrieta residenti barra minn Malta

Il-werrieta/legatarji residenti barra minn Malta għandhom jissottomettu:

(a) in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa (NIT) tal-pajjiż ta' residenza;

(b) id-data, il-post u l-pajjiż tat-twelid;

(c) in-numru tal-passaport, flimkien mad-data u l-pajjiż tal-ħruġ;

(d) il-prokura mogħtija minn eredi residenti barra minn Malta għandha tiġi mħejjija u attestata minn nutar pubbliku tal-pajjiż ta' residenza, u awtentikata minn Awtorita' kompetenti jew imħejjija quddiem u ffirmata minn Uffiċjal Konsolari ta' Malta;

(e) fil-każ ta' Probate, trid tkun mehmuża kopja oriġinali jew awtentikata tal-Probate. Fil-każ ta' Ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni, kopja ċċertifikata trid tkun mehmuża;

(f) Meta tkun meħtieġa traduzzjoni ta' dokumenti li joriġinaw minn pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea (UE), dawn għandhom jiġu tradotti biss minn traduttur li l-firma tiegħu tkun irreġistrata mal-awtoritajiet kompetenti (fl-UE dan ir-rekwiżit huwa kkontemplat u previst fiċ-ċertifikat tas-suċċessjoni).